MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 1269/2003

**Sand & Gravel Limited - C 337**

**vs**

**Andrew Scicluna - ID 25264 M u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza s-socjeta White Power Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta attrici fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux

imhallas, skond kif jidher mill-istatment hawn anness u mmarkat Dok “A”;

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu, pero baqa’ inadempjenti (Dok. B);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjetá attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ l-imsemmi debitu;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ ghandhiex:

1. tiddededi l-kawza bid-dispenza mis-smiegh a tenur ta’ 1-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta attrici fis-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77) liema somma hija dovuta bhala prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetá attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77);

Bl-ispejjz u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ dina c-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetá attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici ghaliex huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjeta attrici fil-kapacita tieghu personalment u n-negozju

li ghamel mas-scojeta attrici dejjem kien permezz tas-socjeta White Power Company Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma ghandomx jigu milqugha ghaliex mhux minnu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici 1-ammont ii qed tippretendi. Gia giet intavolata kawza ohra citazzjoni numru 1268/O3GC kontra l-konvenut minn socjeta ohra rapprezentata mill-istess Emanuel Aquilina ghall-ammont ta’ Lm5,384.90 liema ammont ukoll qieghed jigi kkontestat mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u llista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Ottubru 2004 (diversament presjeduta) li permezz tieghu gie ordnat li l-inkartament tal-kawza jintbaghat lill-din il-Qorti kif presjeduta ghas-smigh, trattazzjoi u decizjoni tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2005 li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta White Power Company Limited;

Rat li l-imsemmija socjeta kjamata fil-kawza, debitament notifikata naqset li tippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenut proprio u ghalhekk l-istess

talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti dejjem ghar-rigward tal-konvenut f'ismu proprju;

Il-konvenut ipproducja kopja ta skrittura privata, datata 29 ta' Jannar 1997 (fol.27), li biha s-socjeta attrici obbligat ruhha li tixtri u takkwista zewg appartamenti f'Marsascala minnghand is-socjeta kjamata fil-kawza li da parti taghha obbligat li tbiegh u titrasferixxi l-istess appartamenti. Il-prezz mifitehem kellu jithallas b'assenjazzjoni ta' xoghol ta' konkos, bricks u planki. Ma jirrizultax, pero', li l-materjal mertu ta' dawn il-proceduri huwa l-istess materjal li hu indikat fl-imsemmija skrittura privata;

Inoltre l-konvenut naqas li jipproduci provi ohra in sostenn ta' dak li huwa ssottometta fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti u konsegwentement ghandhom jigu rigettati. Ghalhekk ukoll ma jirrizultax li l-konvenut f'dan in-negozju kien qed jagixxi ghan-nom ta' terzi. B'hekk is-socjeta kjamata fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera s-socjeta kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, bili fit-tieni lok tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut proprio u b'hekk tiddikjara illi 1-konvenut huwa debitur lejn is-socjetá attrici fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77), liema somma hija dovuta bhala prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetá attrici s-somma ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u hamsin liri u sebgha u sebghin centezmi (Lm6,454.77) u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------